# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 17 ta' Gunju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 289/2023 CL

**GO p.l.c. (C 22334)**

**VERSUS**

**The White November Ltd (C43670)**

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-14 ta' Awwissu, 2023 wara li s-socjeta konvenuta kellha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef, mija u tmienja u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€3,148.41) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40297145. Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza u hija ngunta ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes u drittijiet inkluz dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 1797/23 u bl-imghaxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant jew xi difensur ghaliha ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022, it-Tribunal kien innota li konvenuta kienet notifikata, izda la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tal-10 ta' April, 2024, it-Tribunal sema' lil Maryanne Camilleri, in rapprezentanza tas-socjeta attrici tixhed, fejn iddikjarat illi hi Senior Credit Control Officer mal GO plc u hemm €3,148.41 pendenti li ma thallasx mill-kumpanija White November Ltd u l-ammont mitlub kien ghadu kollu dovut ghax ma kien sar ebda hlas.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-10 ta' April, 2024, minkejja li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici permezz tad-dokumenti u x-xhieda ta' Maryanne Camilleri li hija senior credit control officer tal-GO plc u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' tlett elef, mija u tmienja u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmu (€3,148.41) bl-imghaxijiet mis-6 ta' Gunju 2023[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra ufficjali bin-numru 1797/2023 huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)

[2] Data tal-ittra uffucjali 1797/2023